

Brussell, 12 ta' Settembru 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0327(NLE)

12888/23
ADD 1

UK 169

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 540 final
Suġġett:	ANNEX tal- Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-feruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tad-dikjarazzjoni li trid issir skont l-Artikolu 23(4)(a) tad-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Komitat Konġunt

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 540 final.

Mehmuż: COM(2023) 540 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.9.2023
COM(2023) 540 final

ANNEX

ANNEX

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tad-dikjarazzjoni li trid issir skont l-Artikolu 23(4)(a) tad-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Komitat Konġunt

ANNEX

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI UNILATERALI MILL-UNJONI FIL-KUMITAT KONĠUNT STABILIT MILL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ MILL-UNJONI EWROPEA U MILL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA

ta' XX/2023

skont l-Artikolu 23(4)(a) tad-Deċiżjoni Nru 1/2023

Skont l-Artikolu 23(4)(a) tad-Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023 li jstabbilixxi l-arranġamenti relatati mal-Qafas ta' Windsor ("id-Deċiżjoni Nru 1/2023"), l-Unjoni tiddikjara li hija sodisfatta:

- (i) bl-implimentazzjoni mir-Renju Unit tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 6/2020 tal-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tas-17 ta' Diċembru 2020 li jipprevedi l-arranġamenti prattiċi ta' ħidma relatati mal-eżerċizzju tad-drittijiet tar-rappreżentanti tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 12(2) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq permezz tal-ġhoti ta' aċċess għall-informazzjoni li tinsab fin-networks, fis-sistemi ta' informazzjoni u fil-bażijiet ta' *data* tar-Renju Unit u fil-moduli nazzjonali tar-Renju Unit tas-sistemi tal-Unjoni msemmija fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, filwaqt li tinnota li r-Renju Unit impenja ruħu li jiżgura progress sinifikanti fir-rigward tal-latenza u l-kompletezza meħtieġa tad-*data*, appoġġat minn proċess tal-kontinwità tan-negozju, u li l-aċċess mir-rappreżentanti tal-Unjoni għal tali informazzjoni għadu jrid jiġi pprovdut f'format aċċessibbli b'tali mod li jippermettilhom iwettqu analiżi tar-riskji inkluża identifikazzjoni ta' xejriet riċenti u storiċi; kif ukoll
- (ii) li r-reġistrazzjonijiet XI EORI eżistenti kollha huma maħruġa b'mod korrett; kif ukoll
- (iii) li r-Renju Unit ħareġ gwida ġdida għall-pakketti f'konformità mal-arranġamenti stabbiliti fid-Deċiżjoni Nru 1/2023; kif ukoll
- (iv) li r-Renju Unit ħareġ id-dikjarazzjoni unilaterali tiegħu dwar il-proċeduri tal-esportazzjoni għall-merkanzija li toħroġ mill-Irlanda ta' Fuq lejn partijiet oħra tar-Renju Unit.